# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 53**

**Citaz. Nru. 484/99GV**

Doc. 156-01

**John Mary sive Jimmy Attard**

**-vs-**

**Felix Agius**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi b'artikolu intitolat "Barra l-Airmalta Jahdem Aktar" ppubblikat f'pagna 9 tal-harga tal-"Kullhadd" tad-29 ta' Novembru, 1998 - ta' liema pubblikazzjoni l-konvenut huwa l-editur - gew attribwiti fatti determinati foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku (Dok.A);

U premess illi l-attur bhala l-parti malafamata u offiza ghandha dritt ghad-danni kkontemplati fl-Art. 28 tal-Ligi dwar li Stampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta);

L-attur talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddecidi illi l-pubblikazzjoni suriferita li dehret fid-disa' faccata tal-harga tal- "Kullhadd" tad-29 ta' Novembru, 1998 hija libelluza u malafamanti fil-konfront tal-attur u li tesponih

ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; u

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li ma teccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tat-Art. 28 tal-Ligi dwar li Stampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-artikolu nkwistjoni m'huwiex libelluz fil-konfront ta' l-attur;

2. Illi subordinayament u bla pregudizzju ghas-sueccepit in kwantu l-artiklu in kwistjoni jikkonsisti f'espressjoni ta' opinjoni li huwa *fair comment* maghmul *in buona fede* u nkwantu l-artikolu jikkonsisti f'allegazzjoni ta' fatt, liema fatt huwa sostanzjalment veru; illi konsegwentament it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

3. B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tiddeciedi u tiddikjara li l-pubblikazzjoni bl-artikolu “Barra l-AirMalta jahdem aktar” pubblikat f’pagna 9 tal-harga tal-“Kullhadd” tad-29 ta’ Novembru, 1998 hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku; tikkundanna lill-konvenut ihallas dik is-somma li ma teccediex il-Lm5,000 bhala danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi dwar l-istampa Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li l-artikolu n-kwistjoni m’huwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur; li subordinatament in kwantu l-artikolu in kwistjoni jikkonsisti f’espressjoniji ta’ opinjoni li huwa *fair comment* maghmul *in buona fede* u nkwantu l-artikolu jikkonsisti f’allegazzjoni ta’ fatt, liema fatt huwa sostanzjalment veru, illi konsegwentement it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

**PROVI**

L-attur xehed li l-aktar affarijiet li wegghuh u li mmalafamawh personalment fl-artikolu kienu l-partijiet fejn inkiteb li hu jista’ kien qed jassisti lil ministru responsabbli mill-Airmalta jew lill assistent tieghu, li f’dan l-artikolu jissemma bil-laqam tieghu, it- “Tup Tup”, biex itajru l-irjus tan-nies fl-AirMalta. Hu oggezzjona wkoll ghall fatt li jissemma fl-artikolu li hu jiskarta minn fuq il-post tax-xoghol u ma jafux fejn ikun. Hu qal li x-xoghol tieghu jinvolvi li ma jkunx il-hin kollu fl-ufficju.

Il-konvenut ma xehedx.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fid-difiza tieghu l-konvenut qed jissottometti li l-artikolu in kwistjoni hu miktub b'ton ironiku u satiriku. Il-ligi tippermetti certa liberta' fl-espressjoni u f'dana l-kaz l-konvenut zamm entro l-limitu permess mill-ligi. Il-kummenti li ghamel fuq fatti li verament graw huma accettabbli u permessi f'socjeta' demokratika.

F'materja ta' libell civili l-gurisprudenza in materja zvilluppat ulterjorment l-aktar favur il-liberta' tal-istampa bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali tal-espressjoni u bhala ghodda mehtiega fl-izvilupp demokratiku ta' pajjiz. Naturalment kien u ghadu principju tad-dritt illi l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama tal-persuna illi lejha tkun diretta baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi. Gew pero' mwessa' notevolment il-limiti li fihom kienu ariginati l-kummenti fuq fatti addebitati lill-figuri pubblici, fosthom il-politici. Fil-konfront taghhom issa hu iktar tollerat minn qabel in omagg tal-principju illi d-dibattitu pubbliku fuq materji ta' interess kellu jinghata spazju mill-aktar wiesa' anke jekk a skapitu ta' inkonvenjenza anki gravi lill-persuni pubblici nvoluti b'konsegwenza ta' kritika harxa wkoll kultant ingusta (ara Dr. A. Sant vs A. Cassola 23/4/2001).

Attivist politiku jew kunsillier jistghu jigu ekwiparati ma figura pubblika u ghalhekk japplika ghalihom il-principju li "*the limits of acceptable criticism is broader for politicians and public figures when acting in a public capacity than for private individuals. They have to show greater tolerance, especially when they themselves make public statements that could invite criticism*." (Commission Wabl vs Austria Report 4/3/1998.)

Izda il-fatti addebitati ghandhom ikun sostanzjalment korretti principalment fir-rigward ta' dawk l-elementi li fuqhom hu ibbazat l-artikolu. Il-fatti ma jridux ikunu ezattament veri, hlief meta dawn ikunu determinanti ai fini tal-artikolu.

Fil-kaz in ezami ma ngabet ebda prova li l-attur kien jaghmel jew jassisti biex isiru *transfers* politici u vendikativi. L-allegazzjoni ta' fatt li l-attur qed jassisti lill ministru jew lill xi hadd iehor biex itajru l-irjus fl-AirMalta hi malafamanti u ghandha skop li tesponih ghad-disprezz tal-pubbliku. Dan mhux kumment imma allegazzjoni ta' fatt li ma giex pruvat u ghalhekk sanzjonabbli. Kien u ghadu principju tad-dritt illi l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama tal-persuna illi lejha tkun diretta baqghet censurabbli u punibbli fil-ligi

L-addebiti l-ohra li oggezzjona ghalihom l-attur huwa kummenti permessibili u maghmula bi stil satiriku u mhux malafamanti.

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivil-Qorti tiddecidi billi tilqa' it-talbiet attrici, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill attur is-somma ta' tlett mija u hamsin lira (Lm350) bhala danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Art. 28 tal-Ligi dwar l-istampa Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**